MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 600/2005

Dr. David Tonna u Dr. Antoine Camilleri bhala prokuraturi specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Nike International Limited
vs
Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Victor Bugeja li b'digriet tal-25 ta' Lulju, 2005 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil XXX9999 Flash Andalous Imp/Exp Res 2 Palmiers II Rue Mansour Albidi et Rue Alfourat Maari F Casablanca Morocco

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi nomine li biha ppremettew:

Peress illi s-socjeta` attrici Nike International Limited ta' One Bowerman Drive, Beaverton, Oregon, 97005-6453, tal-Istati Uniti tal-Amerika kienet proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "NIKE" u l-markju distintiv maghruf bhala "Swoosh Design", liema markji kienu uzati

mis-socjeta` attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif kien jidher fuq id-Dokumenti “A”, “B”,“C” u “D” annessi mac-citazzjoni;

Peress illi s-socjeta` attrici kienet detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrijali tal-istess markji “NIKE” u “Swoosh Design” fil-komplessita` taghhom registrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No. 17123 (kif muri f’Dok. “A”), u Trademark No. 17125 (kif muri f’Dok. “B”), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta` attrici kellha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “Swoosh Design” u dan kollu ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema markju “Swoosh Design” kien ukoll registrat bhal Trademark Komunitarja mal-Office for Harmonization in the Internal Market tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 000277632 (“Swoosh Design” – “outline form”) (kif muri f’Dok. “C”) u Numru 000277517 (“Swoosh Design” – “solid form”) (kif muri f’Dok. “D”);

Peress illi irrizulta li fit-12 ta’ Mejju 2005 kienet iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM WAGNER”, u/jew kienet giet importata temporanjament u/jew kienet tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ zraben sportivi li kienu jgibu l-markju “NIKE” u l-markju distintiv “Swoosh Design” fuq imsemmija liema konsenja kienet tikkonsisti f’sebat elef mija u erbghin (7,140) par, b’Container Numru CAXU2394843 u li ma kienux genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap 414;

Peress illi mill-Polza ta’ Kargu Numru TJN120729 irrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni kienu indikati bhala XXX9999 Flash Andalous Imp/Exp Res 2 Palmiers II Rue Mansour Albidi et Rue Alfourat Maari F Casablanca Morocco, mentri kien jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper kienu TJN3989 Beijing J.N.T. World Trade Co., Ltd;

Peress illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali huwa projbit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Peress illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni kienu jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artiklu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-Kap 414, li favur taghha kienu registrati l-markju “NIKE” u l-markju distintiv maghruf bhala “Swoosh Design”, u kienu jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artiklu 2(1)(b) tal-istess Kap. 414, kif ukoll kienu jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezentanta tas-socjeta` estera Nike Italy SRL ghas-socjeta` attrici (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “E” anness mac-citazzjoni);

Peress illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi kienet tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li kienet ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provvduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. H);

L-atturi nomine talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414);

2. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti f'sebat elef mija u erbghin (7,140) par da parti tal-konvenuti nomine u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design";

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' zraben sportivi tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-Trademark Komunitarji Numru 000277632 ("Swoosh Design" - "outline form") u Numru 000277517 ("Swoosh Design" - "solid form") registrati f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-Trademark Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design";

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti nomine, skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` attrici;

6. Tordna lill-konvenuti nomine sabiex ihallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eccepew:

Illi l-kuraturi ma kienux edotti mill-fatti u kienu qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi nomine fejn fiha ssemma li  li s-socjeta` attrici Nike International Limited ta' One Bowerman Drive, Beaverton, Oregon, 97005-6453, tal-Istati Uniti tal-Amerika kienet proprjetarja ta' diversi

markji fosthom il-markji “NIKE” “Swoosh Design”, liema markji kienu uzati mis-socjeta` attrici fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra. Is-socjeta` attrici kienet id-detentrici tad-dritt ta’ proprjeta` industrijali tal-markji “NIKE” u “Swoosh Design” fil-komplessita` taghhom registrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No. 17123 u Trademark No. 17125, kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta`attrici kellha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “Swoosh Design” u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema markju “Swoosh Design” kien ukoll registrat bhal Trademark Komunitarja mal-Office for Harmonization in the Internal Market tal-Unjoni Ewropeja (bazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 000277632 (“Swoosh Design” “outline form”) (kif muri f’Dok. “C”) u Numru 000277517 (“Swoosh Design” “solid form”) (kif muri f’Dok. “D”);

Irrizulta li fit-12 ta’ Mejju 2005 kienet iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM WAGNER”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ zraben sportivi li kienu jgibu l-markju “NIKE” u l-markju distinitiv “Swoosh Design” liema konsenja kienet tikkonsisti f’sebat elef mija u erbghin (7,140) par b’***container*** numru CAXU2394843 u li ma kienux genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artikiu 4 tal-Kap 414. Mill-Polza ta’ Kargu Numru TJN120729 kien irrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben in kwistjoni kienu indikati bhala XXX9999 Flash Andalous Imp/Exp Res 2 Palmiers II Rue Mansour Albidi et Rue Alfourat Maari F Casablanca Morocco, mentri rrizulta li d-dettalji tax-***Shipper*** kienu TJN3989 Beijing J.N.T. World Trade Co. Ltd.

Id-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali huwa projbit skond l-Artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta. Iz-zraben in kwistjoni kienu jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-

socjeta` attrici skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)u (ii) u (iii) tal-Kap 414, li favur taghha kienu registrati l-markji “NIKE” u “Swoosh Design”, u kienu jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artiklu 2(1)(b) tal-istess Kap. 414, kif ukoll kienu jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolamenl tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 u dan kollu kif kien ben spjegat mill-analizi li ghamlet rapprezetanta tas-socjeta` estera Nike Italy SRL ghas-socjeta` attrici (ara Dok. “E”). Din il-konsenja ta’ zraben sportivi kienet tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li kienet ghamlet is-socjeta` attrici lill-istess Kontrollur (ara Dok H). Hu principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita` Ewropeja u fil-kazistika tal-“European Court of Justice” li r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa pajjizi membri tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 Ia’ Lulju 2003 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Dicembru, 1993 ghandhom jigu invokati direttament mill-Qrati Maltin.

Semghet bil-gurament lil <u>Dr. David Tonna</u> li kkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni.

Gie prezentat affidavit ta’ <u>George Scerri</u> Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar bi specjalizzazzjoni fi Drittijiet dwar Proprjeta` Intellettwali – Mizuri Intrakonfini, fejn fih issemma li l-***container*** CAXU 2394843 bil-polza tat-tghabija TJN120729 tghabba mill-port ta’ Tianjin fic-Cina u wasal Malta fuq il-vapur CMA CGM Wagner fit-12 ta’ Mejju, 2005. Dan kien intbaghat mill-kumpanija TJN 3989 Beijing J.N.T. World Trade Co. Ltd. China u l-konsenjatarju kellu jkun XXX9999 Flash Andalous Imp/Exp Res 2 Palmiers 11 Rue Mansour Albidi Et Rue Alfourat Maari F Casablanca, Morocco. Il-kontenut tieghu kien dikjarat bhala 115-il bicca ***Shoes Water Faucet***. Fl-24 ta’ Mejju 2005 dan il-***container*** intghazel biex jigi ezaminat bis-sistema tal-***X-Ray*** u wara jinfetah biex isir ezami fiziku tal-kontenut. Meta nfetah il-***container*** instab

li fir-ringiela ta’ quddiem kien hemm zraben tal-marka Nike. Ix-xhud informa lil Dr. Antoine Camilleri tad-ditta Mamo TCV Advocates li huma r-rapprezentanti tad-ditta Nike f’Malta u ghaddielu xi kampjuni, u kien gie deciz li l-***container*** jigi trasferit gewwa Newport fil-Marsa biex jinhatt u jigi ezaminat ahjar. Il-kwantita` ta’ merkanzija kienet tikkonsisti f’119-il balla zraben sportivi tal-marka Nike. Kull balla kien fiha 60 par zarbun. L-ammont totali kien ta’ 7,140 par. Fl-24 ta’ Gunju, 2005 ix-xhud kien gie nfurmat minn Dr. Antoine Camilleri li skond korrispondenza li rcieva minghand il-kumpanija Nike iz-zraben in kwistjoni kienu foloz, u li kienu nbdew proceduri legali. Il-merkanzija kienet ghadha qed tinzamm fil-mahzen tad-Dwana sakem tigi deciza l-kawza odjerna.

Semghet bil-gurament lill-istess George Scerri li kkonferma l-kontenut tal-affidavit tieghu.

Rat l-affidavit ulterjuri ta’ George Scerri li fih semma li fil-fatt id-data li fiha dahal il-container gewwa Malta kienet it-12 ta’ Mejju, 2005.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati fejn fiha ssemma li huma ma kienux edotti bil-fatti u kienu qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lill-kumpanija attrici ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista’ tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostnew l-atturi nomine ma gie kontradett.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Settembru, 2005 minn fejn jirrizulta li Dr. Mark Busuttil kien infurmaha li hu kkomunika ma’ Dr. Tonna biex jghaddilu l-indirizz tal-konvenuti u li wara li kkomunika maghhom baqa’ minghajr risposta.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. David Tonna huwa rapprezentant tas-socjeta` Nike International Limited ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki taghha gewwa Malta.

Irrizulta li fit-12 ta' Mejju, 2005 iddahhlet Malta konsenja zraben sportivi tal-Marka Nike fuq il-vapur CMA CGM Wagner. Il-***container*** kien CAXU2394843. Dr. Tonna u Dr. Antoine Camilleri f'isem is-socjeta` Nike International Limited talbu lill-Kontrollur tad-Dwana biex izomm il-konsenja u jaghtihom xi kampjuni biex jibghatuhom l-Italja biex jigu ezaminati sabiex jigi stabbilit kienux genwini jew foloz. Instab li z-zraben kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana u dawn gew trasferiti fin-Newport fil-Marsa. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Scerri Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Intellectual Property li semma li fl-24 ta' Mejju, 2005 il-***container*** imsemmi gie miftuh biex jigi ezaminat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-konvenuti nomine ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 77 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta' Elena Pigozzi, Brand Protection Manager ta' Nike Italy SRL, li fiha jinghad "I can confirm that the products in question are definitely counterfeit and that they were not produced by, or with the authorisation of Nike or any of its affiliates or licensees, for, among others, the following reasons…", u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.

It-talbiet attrici ma huma bl-ebda mod kontradetti.

L-azzjoni attrici hi bazata fuq dak li tipprovdi l-Ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta` Intellettwali – Mizuri Intrakonfini, Kap 414.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-fatti msemmija fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Elena Pigozzi u tal-Ufficjal tad-Dwana George Scerri u ta' Dr. David Tonna, il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li z-zraben sportivi in kwistjoni kienu falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414).

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben

sportivi li tikkonsisti f'sebat elef mija u erbghin (7,140) par da parti tal-konvenut u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design".

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' zraben sportivi tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta` attrici bin-Numri 17123 u 17125 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-Trademark Komunitarji Numru 000277632 ("Swoosh Design" - "outline form") u Numru 000277517 ("Swoosh Design" - "solid form") registrati f'isem is-socjeta` attrici (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-Trademark Komunitarja (tal-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta` attrici ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha "Swoosh Design".

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` attrici a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-konvenuti nomine, skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414.

Dwar il-hames talba fejn intalab "tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-

Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` attrici", fil-fatt l-atturi nomine ma ghamlu l-ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna lill-konvenuti nomine sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine, b'dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-atturi nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------